CHAMBER
OF ADVOCATES
MALTA

**Konferenza Stampa – Kamra tal-Avukati**

**22 ta’ Ġunju 2026**

Konferenza stampa, 22 ta’ Ġunju 2026, dwar id-direttiva maħruġa mill-Kamra tal-Avukati, sabiex illum il-membri kollha tal-Kamra tal-Avukati jastjenu milli jrendu servizz lill-klijenti tagħhom fil-Qrati ta’ Malta.

Sinjuri,

L-għodwa t-tajba, grazzi talli ġejtu għal din il-konferenza stampa msejħa mill-Kamra tal-Avukati, proprju fil-jum tad-direttiva u dan sabiex nispjegaw u nfehmu aktar il-bażi tad-direttiva.

L-ewwel nett nixtieq nirringrazzja l-avukati kollha li obdew id-Direttiva u anke dawk li ma segwewhiex. Id-direttiva kienet ta’ suċċess. Irrid nirringrazzja wkoll lill-Ġudikanti kollha kemm ta’ Malta kif ukoll ta’ Għawdex u l-Prokuraturi Legali.

Qabel ma nibda, naħseb li ta’ min nagħtikom ftit informazzjoni dwar l-effett tad-direttiva. Dalgħodu l-biċċa l-kbira tal-membri tal-Kamra tal-Avukati aderixxew mad-direttiva u prattikament il-kawżi kollha skedati għas-smigħ illum kellhom jiġu ddifferiti għal data oħra. Ta’ dan nirringrazzja lill-membri u nħeġġiġhom sabiex jibqgħu jsegwu d-direttivi li l-Kamra tista' tagħti minn żmien għal żmien.

Naħseb li huwa tajjeb nispjegaw il-bażi tal-azzjoni li ħadna: il-protezzjoni tal-privileġġ ta’ kunfidenzjalità bejn il-klijent u l-Avukat.

Dan il-privileġġ huwa dritt mogħti lill-akkużat, li hu jkun liberu jkellem lill-Avukat tiegħu mingħajr ma ħadd ma jisimgħu, mingħajr ma ħadd jippretendi mill-Avukat li jikxef dak li jkun ingħad lilu. Privileġġ sagrosant imnaqqax fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, Artikolu 8; privileġġ li ġie rriaffermat diversi drabi mill-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem ġewwa Strasburgu.

Dan il-privileġġ jirrikjedi li meta akkużat ikun qed jitkellem mal-klijent fil-vesti professjonali tiegħu, **ĦADD MA JISMA' FUQ DAN LI JKUNU QEDGĦIN JIDDISKUTU.** Dan il-privileġġ fih l-eċċezzjoni tiegħu jekk hemm l-interess nazzjonali, iżda bażikament hija eċċezzjoni ristretta ħafna.

Il-kliem użat fil-kawża Klass and Others v Germany kienu: “tolerable under the Convention only in so far as strictly necessary for safeguarding the democratic institutions.”*Klass and Others v Germany“tolerable under the Convention only in so far as strictly necessary for safeguarding the democratic institutions.”* Il-Qorti dwar dan il-privileġġ, fil-fact sheet tagħha fuq is-suġġett, tirreferi għalih u tispjega li “this is justified by the fact that lawyers are assigned a fundamental role in a democratic society, that of defending litigants. Yet Lawyers cannot carry out this essential task if they are unable to guarantee to those that they are defending, that their exchanges will remain confidential.”*fact sheet“this is justified by the fact*

*that lawyers are assigned a fundamental role in a democratic society, that of defending litigants. Yet Lawyers cannot carry out this essential task if they are unable to guarantee to those that they are defending, that their exchanges will remain confidential."*

Dan is-suġġett kien il-mertu ta' diversi sentenzi tal-Qorti:

- *S v Switzerland* li tirrigwarda id-dritt li Avukat u Akkużat jitkellmu lil hinn mis-smigħ ta' terzi persuni.
- *Kopp v Switzerland* li tirrigwarda l-moniteraġġ tal-linja tat-telefown ta' ditta tal-Avukati meta jkunu qed jitkellmu mal-klijenti tagħhom.
- *Bersheda v Monaco* li tirrigwarda l-analiżi tal-linja tat-telefown ta' Avukat.
- *Laurent v France* li tirrigwarda l-karti bin-noti li l-akkużat ried jgħaddi lill-Avukat fil-binja tal-Qorti u dawn ittieħdu mill-iskorta – dan ukoll ġie meqjus bħala ksur ta' dan il-privileġġ.
- *Niemietz v Germany* li tirrigwarda l-proporzjonalità tal-interferenza fuq dan il-privileġġ, u lista interminabbli ta' deċiżjonijiet li jipproteġu dan il-privileġġ.

Riċentement kellna l-istess sitwazzjoni ġewwa Perugia, fejn aktar kmieni dan ix-xahar, l-avukati ta' Perugia ħarġu bi strike ta' ġimgħa, proprju minħabba l-abbuż tal-użu ta' interċettazzjoni ta' telefown fil-ħabs. Din kellha tkun speċifika fuq konversazzjoni partikolari u spiċċa li l-apparat tħalla miftuħ u nstema' ferm aktar minn dak permess mil-Liġi.

Mela dak huwa l-privileġġ. Ilkoll qed naqblu li jeżisti l-privileġġ, inkluż l-Avukat tal-Istat fil-kontroprotest tiegħu; il-punt jibqa' iżda mhux jekk naqblux ma' dan il-privileġġ, iżda jekk qed nirrispettawhx jew le.

**Il-fatti li waslu għad-direttiva:**

Fl-4 ta' Ġunju, il-Kamra rċeviet informazzjoni sostenuta bl-evidenza li kienet konvinċenti, li fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, lura fis-snin 2020 u 2021, kienet inħarġet ordni fuq talba tas-Servizzi Sigrieti sabiex isir moniteraġġ ta' diskussjonijiet fejn jiltaqa' l-arrestat mal-familja kif ukoll mal-avukat tiegħu.

Il-Kamra ma marritx fil-pubbliku; xtarret l-informazzjoni lilha mgħoddija dwar l-allegazzjoni li seta' kien hemm il-ksur tal-privileġġ ta' kunfidenzjalità bejn l-akkużat u l-avukat tiegħu. Mingħajr ebda daqq ta' trombi, kitbet lill-Ministru responsabbli għall-Intern, l-Onorevoli Gen Beddingfield, li inċidentalment kien għadu kemm inħatar f'din il-kariga u li ma kienx personalment involut fl-ordnijiet li kienu ngħataw fis-snin preċedenti. Wara li spjegajnielu l-informazzjoni li waslitilna u dak li kellna f'idejna, esprimejna ruħna dwar l-akkadut u tlabna konferma:

1. Jekk l-interċettazzjonijiet li kienu qed isiru kinux jestendu għall-kamra fejn proprju l-akkużat kien jiltaqa' mal-avukati tiegħu.
2. X'miżuri kienu adottati sabiex ġie aċċertat li l-privileġġ professjonali kien salvagwardat f'din l-operazzjoni.
3. Jekk kienx bi ħsiebu li jagħmel inkjesta.

Fit-8 ta' Ġunju 2026, il-Kamra rċeviet aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni u ġiet infurmata li fil-kamra fejn kienu jiltaqgħu l-Avukati mal-klijenti tagħhom kien ġie installat makkinarju ta' moniteraġġ sabiex jiġu mismugha l-konversazzjonijiet (eavesdropping), u li l-kamra ma kinitx tintuża għal akkużat wieħed iżda għal akkużati kkunsidrati high risk.

Din l-informazzjoni inkwetat lill-Kamra tal-Avukati mhux ftit. Kien għalhekk li l-Kamra ħadmet sabiex jkollha prova ta' din l-allegazzjoni u sussegwentement akkwistat kopja tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda, kemm tal-Kap tas-Servizzi Legali kif ukoll ta' min kien imexxi l-ħabs. Irrid ngħid, għaliex kien hemm min fil-midja pprova jxejjen din l-informazzjoni, li l-Kamra kkonfermat din l-informazzjoni u min jikteb kontra qiegħed biss jipprova jimmiżinforma lill-pubbliku.

Minn din ix-xhieda ħareġ ċar li kien hemm aktar minn kamra waħda li kienet ġiet issorveljata (bugged). Skont ix-xhieda tal-addetti tiegħu, meta kienu jindunaw li fil-konversazzjoni daħal avukat, kienu jitfu r-recordings. Għalhekk, mix-xhieda ma ħarġitx prova li hemm recordings ta' konversazzjonijiet mal-Avukati.

Iżda l-punt jibqa' l-użu indiskriminat ta' dan l-apparat. Il-punt jibqa' li l-liġi ma tagħtix is-setgħa sabiex jintuża l-apparat jekk m'intiex qed tinvestiga reat partikolari. Il-punt jibqa' li l-Kamra mhix konvinta, minkejja dak li issa ngħad mill-Avukat tal-Istat ghan-nom tal-Gvern ta' Malta, li verament kien jintefa r-recording meta jidħol Avukat.

Il-punt jibqa' li ma setgħux u ma għandhomx iħallu apparat sofistikat bħal dan fil-kamra fejn l-Avukati jiddiskutu mal-klijenti, fejn hemmhekk l-Avukati jingħataw informazzjoni ta' portata li taf tkun serja u serja ħafna, għaliex l-akkużat ikun afda fl-avukat tiegħu. Il-punt hu li din is-sorveljanza b'dan il-mod tpoġġi lill-istess Avukat f'riskju għaliex jaf jiġi allegat li hu kixef ċerta informazzjoni.

**Ir-risposta tal-Onorevoli Ministru:**

Il-Kamra rċeviet risposta mill-Avukat tal-Istat f'isem il-Gvern ta' Malta. Peress li hija kunfidenzjali, m'iniex se nagħmel riferenza għall-kontenut tagħha; ngħid biss li t-tliet mistoqsijiet li l-Kamra ressqet fil-korrispondenza li bagħtet, l-ebda waħda minnhom ma ġiet imwieġba.

**Il-Kamra terġa' tikteb lill-Onorevoli Ministru:**

Il-Kamra għalhekk reġgħet kitbet lill-Ministru fil-11 ta' Ġunju 2026, fejn għamlet riferenza għall-informazzjoni l-ġdida li issa kellha mix-xhieda ġuramentata li ngħatat fil-Qorti stess, u talbet tweġiba għas-segwenti:

- Konferma bil-miktub li ma jeżisti l-ebda apparat jew sistema ta' sorveljanza, moniteraġġ, reġistrazzjoni, smigħ jew interċettazzjoni li bħalissa hija operattiva fil-kmamar ta' konsultazzjoni fejn jiltaqgħu l-Avukati.
- Konferma li l-konsultazzjonijiet kollha bejn l-Avukati u l-Klijenti tagħhom qed isiru mingħajr ebda moniteraġġ.
- Il-Kamra talbet ukoll konferma li ser tissejjaħ inkjesta indipendenti sabiex jiġi żgurat li l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni bejn l-Avukati u l-Akkużati hija kompletament protetta mil-lum 'il quddiem.

**It-tieni risposta tal-Onorevoli Ministru:**

Il-Kamra rċeviet it-tieni risposta mill-Avukat tal-Istat f'isem il-Gvern ta' Malta. Għal darb'oħra, minħabba l-kunfidenzjalità, mhux se nirreferi għall-kontenut tagħha; ngħid biss li r-risposta kienet li dak li għedna kienu biss suppożizzjonijiet u li l-Liġi ġiet dejjem imħarsa. Risposti għal dak li tlabna, erġajna ma ngħatajniex.

**Il-pass li segwa – Protest ippreżentat mill-Kamra tal-Avukati:**

Il-Kamra għalhekk fil-15 ta' Ġunju 2026 ippreżentat protest formali kontra l-organi tal-Istat. Dan il-protest huwa pubbliku u ġie ċċirkolat lill-midja, fejn il-Kamra, wara li pprotestat kontra kull forma ta' sorveljanza li seta' kien hemm jew li għad hemm, talbet:

- Il-preservazzjoni ta' kull reġistrazzjoni u materjal rilevanti għal din il-kwistjoni.
- Konferma li llum m'hemm l-ebda sistema ta' interċettazzjoni u sorveljanza fil-kmamar fejn isiru l-konsultazzjonijiet mal-Avukati.
- Sabiex il-konsultazzjonijiet isiru kollha fil-qafas tal-liġi li tipproteġihom.
- Sabiex jittieħdu miżuri biex jiġi assigurat li ma jkollniex ksur istituzzjonalizzat tad-drittijiet fondamentali tal-akkużat.

**Kontroprotest ippreżentat mill-Gvern ta' Malta:**

Il-protestati kollha rrispondew b'kontroprotest fit-18 ta' Ġunju 2026 fejn, wara li rriaffermaw li jaqblu li l-privileġġ ta' kunfidenzjalità huwa sagrosant, ċaħdu dak li allegat il-Kamra u ddikjaraw li qatt ma kien hemm sistema ta' interċettazzjoni u sorveljanza fuq konsultazzjonijiet privileġġjati bejn l-avukati u l-klijenti tagħhom.

The Lawyers Chambers
Courts of Justice, Republic Street, Valletta, VLT 2000, Malta
T +356 2124 8601 E info@avukati.org
www.avukati.org

CHAMBER OF ADVOCATES
MALTA

**Il-Pożizzjoni tal-Kamra:**

Filwaqt li din id-dikjarazzjoni tagħti lil wieħed x'jifhem li qed tikkonferma li m'hemmx traskrizzjonijiet, id-dikjarazzjoni hija skorretta fis-sens li s-sistema kienet fis-seħħ, u semmai, ma kinux qed jintużaw waqt il-konsultazzjonijiet bejn l-Avukati u l-klijenti tagħhom. Naħseb li kien hekk xi ried ifisser l-Avukat tal-Istat.

Kif ilkoll nafu, fil-jiem li għaddew, il-Ministru tal-Intern ordna inkjesta talli fil-Ħabs stess, priġunier inqabad b'laptop b'aċċess għall-internet. Jiena insostni li l-każ tagħna jimmerita ħafna u ħafna aktar inkjesta sabiex inserħu l-imħuħ ta' klijenti li kienu kkundannati l-ħabs, li l-proċeduri tagħhom ma kinux imċappsa bil-ksur ta' dan il-privileġġ.

Din il-preokkupazzjoni tirrigwarda numru ferm aktar ta' persuni mill-każ tal-laptop; tirrigwarda id-drittijiet fondamentali tal-bniedem u mhux sempliċi materja ta' dixxiplina. Il-Kamra tinsab perplessa li qed issib reżistenza għal inkjesta indipendenti interna sabiex jiġu stabbiliti l-fatti. Biss m'għandhiex tkun inkjesta biex jgħattu x-xemx bl-għarbiel, u l-Kamra trid tapprova l-persuna nominata sabiex tmexxi din l-inkjesta.

Ma nistax onestament nifhem ir-reżistenza tal-Awtoritajiet għal inkjesta jekk ma sar xejn ħażin. Ma nistax nifhem id-differenza bejn dak li seħħ f'dan il-każ u dak tal-laptop biex jimmeritaw trattament differenti.

Fl-aħħar nett, qabel ma ngħaddi għall-mistoqsijiet, irrid ngħid li nhar il-Ġimgħa 19 ta' Ġunju 2026, il-Kamra kienet mistiedna għal laqgħa fuq din il-materja mal-Onor. Ministru tal-Ġustizzja. Kienet laqgħa pożittiva, kordjali ħafna u li fiha ġew diskussi dawn il-punti. Sar progress sabiex it-tħassib li għandha l-Kamra jiġi indirizzat, u fil-jiem li ġejjin qed nifhem li ser nerġgħu niltaqgħu peress li hemm xi punti li dwarhom s'issa ma nstabx qbil.

Grazzi ħafna.

The Lawyers Chambers
Courts of Justice, Republic Street, Valletta, VLT 2000, Malta
T +356 2124 8601 E info@avukati.org
www.avukati.org